MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1117/2009

Ballut Blocks Services Limited (C8360)
vs
Abdilla Projects Limited (C40789)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' tlieta u sittin elf sitt mija disgha u tletin euro u tlieta u sittin centezmu (€63,639.63) rapprezentanti prezz ta' diversi partiti ta' materjal tal-kostruzzjoni mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, u dana kif jirrizulta mill-anness statement (Dok. BBS 1) u l-annessi delivery notes (Dok. BBS 2 sa BBS 98).

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-

elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh billi fil-fehma ta’ l-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m’ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

3. Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 2 ta’ Ottubru 2009 hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta’ tlieta u sittin elf sitt mija disgha u tletin euro u tlieta u sittin centezmu (€63,639.63) rapprezentanti prezz ta’ diversi partiti ta’ materjal tal-kostruzzjoni mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta kif premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju prezentat b’rabta ma’ dawn il-proceduri u dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 2 ta’ Ottubru 2009, oltre l-imghaxijiet legali b’effett mill-24 ta’ Gunju 2008 sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta rapprezentanti ta’ liema gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Paul Vella li ghandu r-rapprezentanza guridika ta' Ballut Bolcks Services Limited u hu wiehed mid-diretturi taghha. Qal li l-Ballut Blocks Services Limited hija kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' €63,639.63 rapprezentanti prezz ta' diversi partiti ta' materjal tal-kostruzzjoni. Sostna li l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut. Zied li ghalkemm is-socjeta` intimata giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont anki permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru 2009 hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Rat illi fis-seduta tal-lum deher Marlon Abdilla, assistit minn Dr. Owen Bonnici, u ammetta t-talba tas-socjeta` rikorrenti.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lis-socjeta` intimata li thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' €63,639.63 rapprezentanti prezz ta' diversi partiti ta' materjal tal-kostruzzjoni mibjugha u konsenjati mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata kif premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat b'rabta ma' dawn il-proceduri u dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru 2009, oltre l-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' Gunju 2008 sal-jum tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------